MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Numru. 717/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Anthony Cassar)**

**v**

**Jesmond Muscat ta' 34 sena, bin Alfred u Concetta nee Scicluna, imwieled tal-Pieta', fil-25 ta' Lulju, 1969 u joqghod fl-indirizz numru 17, St Paul's Alley, Haz-Zabbar jew, ‚Qawsalla', Triq Wied Glavan, ix-Xaghra, detentur tal-karta tal-identita' numru 307369 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jesmond Muscat li gie akkuzat talli fil-fond ‚Qawsalla', Triq Wied Glavann, ix-Xghajra, il-bierah il-Gimhga 22 ta' Awissu, 2003 ghall-habta ta' xi s-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar:

1. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-gharusa tieghu Judith Spiteri minn Haz-Zabbar kontra l-volonta' taghha filwaqt li heddidha,
2. F'dawn l-ahhar sentejn, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, zamm fil-fond tieghu u cioe fil-fond ‚Qawsalla', Triq Wied Glavann, ix-Xghajra, arma tan-nar u cioe revolver tal-ghamla u numru tar-registrazzjoni mhux maghrufa, kif ukoll munizzjoni,
3. F'dawn l-ahhar sentejn, meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjoni, xort'ohra milli b'licenzja ma tax avviz taghhom minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija,
4. Fil-hin li ghamel l-imsemmi delitt kellu fuq il-persuna tieghu l-arma tan-nar imsemmija,
5. Ghad li kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti,
6. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghalhekk u li hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda prodotta rrizultaw dawn il-punti saljenti.

Illi Judith Spiteri ghamlet ir-rapport taghha mal-Pulizija wara li sar rapport kontra taghha mill-akkuzat.

Ghalkemm Judith Spiteri xehdet li l-akkuzat mar id-dar fis-sakra pero' dan lanqas jirrizulta mix-xhieda tas-Surgent li ha r-rapport li mar jaghmel l-istess Muscat.

Jidher li hemm konflitt car bejn dak li xehdet Judith Spiteri u l-istess akkuzat. Fil-fatt it-tnejn jattribwixxu lil xulxin attakk fuq il-persuna wiehed fuq l-iehor. Ghalhekk Spiteri tghid li Muscat zammha billi anke ghamlilha l-arma ma‘ rasha, min-naha tieghu Muscat jghid li Judith ghamlitlu sikkina ma‘ zaqqu. Dan gie nnegat mit-tnejn.

Judith Spiteri semmiet li Muscat kien izomm l-arma u l-munizzjoni go kexxun taht it-television fatt dan ikkonfermat minn Muscat. Hi xehdet li kellu anke munizzjoni. Illi pero‘ ebda munizzjoni ma nstab gewwa d-dar jew gol-vettura fejn instabet l-arma skond kif indikat minn Spiteri.

Illi dawn il-fatti u konflitti jhallu bizzejjed dubju f‘mohh il-Qorti dwar l-ewwel akkuza u konsegwentement dwar ir-raba‘ akkuza jekk id-delitt hemm imsemmi huwa dak tas-sekwestru.

Tqis ukoll illi la l-hames u lanqas is-sitt akkuza ma gew sufficjentement pruvati.

Min-naha l-ohra tqis li r-reati addebitati lil Jesmond Muscat taht il-Kapitlu 66 bhala pruvati (fir-rigward tat-tieni akkuza pero‘ mhux fil-konfront tal-munizzjon) u dan wara li rat l-artikoli 3, 9, 27.

Tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-kapitlu 9.

Tordna wkoll il-konfiska ta‘ l-arma u pouch esebiti gia bhala Dok AC.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------